



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 106/15

Il-Lussemburgu, 23 ta' Settembru 2015

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-362/14
Maximillian Schrems vs Data Protection Commissioner

Skont l-Avukat Ġenerali Bot, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata n-natura adegwata tal-protezzjoni tad-data personali fl-Istati Uniti ma tipprekludix lill-awtoritajiet nazzjonali milli jissospendu t-trasferiment tad-data tal-abbonati Ewropej ta' Facebook lejn is-servers li jinsabu fl-Istati Uniti

Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jqis li din id-deċiżjoni hija invalida

Id-direttiva dwar l-ipproċessar ta' data personali¹ tiddisponi li t-trasferiment ta' tali data lejn pajjiż terz jista' jsir jekk il-pajjiż terz inkwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' din id-data. Dejjem skont id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tikkonstata li pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni. Malli l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni f'dan is-sens, ikun jista' jseħħ it-trasferiment ta' data personali lejn il-pajjiż terz ikkonċernat.

Maximillian Schrems, ċittadin Awstrijak, ilu juża Facebook mill-2008. B'hal fil-każ tal-abbonati l-oħra li huma residenti fl-Unjoni, id-data pprovduta minn M. Schrems lil Facebook tiġi ttrasferita, għalkollox jew parzjalment, mis-sussidjarja Irlandiża ta' Facebook fuq servers li jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn din tinżamm. M. Schrems ressaq ilment quddiem l-awtorità Irlandiża tal-protezzjoni tad-data, li bih sostna li fid-dawl tar-rivelazzjonijiet magħmula minn Edward Snowden fl-2013 dwar l-attivitajiet tas-servizzi tal-informazzjoni tal-Istati Uniti (b'mod partikolari n-National Security Agency jew "NSA"), id-dritt u l-prattika tal-Istati Uniti ma joffru l-ebda protezzjoni reali kontra s-sorveljanza, mill-Istat Amerikan, tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. L-awtorità Irlandiża ċaħdet il-ment, b'mod partikolari minħabba li, f'deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2000², il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest tas-sistema magħrufa b'hal "privatezza ta' port salv"³, l-Istati Uniti jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita.

Adita bil-kawża, il-High Court of Ireland (qorti għolja tal-ġustizzja tal-Irlanda) tixtieq issir taf jekk din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandhiex l-effett li tipprekludi awtorità nazzjonali ta' sorveljanza milli tinvestiga lment li jallega li pajjiż terz ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni u, jekk ikun il-każ, milli tissospendi t-trasferiment tad-data kkontestata.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-lum, l-Avukat Ġenerali Yves Bot iqis li **l-eżistenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita la tista' xxejjen u lanqas tnaqqas is-setgħat li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza** skont id-direttiva dwar l-ipproċessar ta' data personali. Barra minn hekk, huwa jqis li **d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija invalida**.

L-ewwel nett, l-Avukat Ġenerali jqis li, fid-dawl tal-importanza tar-rwol tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, is-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom

¹ Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE, tas-26 ta' Lulju 2000, skond id-Direttiva 95/46/EC[KE] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

³ Is-sistema tal-privatezza ta' port salv tinkludi serje ta' prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data personali li l-impriżi Amerikani jistgħu josservaw b'mod volontarju.

jibqgħu sħaħ. Jekk l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jkunu marbuta b'mod assolut mid-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni, dan ikun jillimita b'mod inevitabbli l-indipendenza sħiħa li jibbenefikaw minnha bis-saħħa tad-Direttiva. L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li, jekk awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tqis li trasferiment ta' data jippreġudika l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom, din għandha s-setgħa li tissospendi dan it-trasferiment, u dan irrispettivament mill-evalwazzjoni ġenerali magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha. Fil-fatt, is-setgħa mogħtija mid-Direttiva lill-Kummissjoni ma taffettwax is-setgħat mogħtija minn din l-istess direttiva lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza. Fi kliem ieħor, **il-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tirrestrinġi s-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.**

Filwaqt li l-Avukat Ġenerali jammetti li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza huma ġuridikament marbuta mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, huwa madankollu jqis li tali effett restrittiv ma huwiex ta' natura li jeżiġi li l-ilmenti jiġu miċħuda b'mod sommarju, jiġifieri immedjatament u mingħajr l-ebda eżami tal-fondatezza tagħhom, u barra minn hekk, il-konstatazzjoni tal-livell adegwat ta' protezzjoni hija kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Deċiżjoni tal-Kummissjoni, ċertament, għandha rwol importanti fl-istandardizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' trasferiment fi ħdan l-Istati Membri, iżda din l-istandardizzazzjoni tibqa' applika biss jekk ma jitqajjimx dubju fuq din il-konstatazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' lment li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom jittrattaw bis-saħħa tas-setgħat ta' investigazzjoni u ta' projbizzjoni li huma rrikonoxxuti lilhom mid-Direttiva.

Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jqis li, fil-każ ta' nuqqasijiet sistematiċi kkonstatati fil-pajjiż terz li lejha tiġi ttrasferita d-data personali, **l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali mħarsa mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.**

Fid-dawl tad-dubbi espressi matul din il-proċedura dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2000/520, l-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha tivverifika dan il-punt u jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni hija invalida. Fil-fatt, mill-konstatazzjonijiet fattwali magħmula kemm mill-High Court of Ireland kif ukoll mill-Kummissjoni nnifisha jirriżulta li **d-dritt u l-prassi tal-Istati Uniti jippermettu l-ġbir, fuq skala kbira, tad-data personali ta' ċittadini tal-Unjoni li tiġi ttrasferita mingħajr ma dawn tal-aħħar jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva.** Dawn il-konstatazzjonijiet fattwali juru li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tinkludix biżżejjed garanziji. Minħabba dan in-nuqqas ta' garanziji, din id-deċiżjoni ġiet implementata b'mod li ma jissodisfax ir-rekwiżiti meħtieġa mid-Direttiva u mill-Karta.

Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jqis li l-aċċess li għandhom is-servizzi tal-informazzjoni Amerikani għad-data ttrasferita għalhekk jikkostitwixxi **ndħil fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u fid-dritt għall-protezzjoni tad-data personali** li huma ggarantiti mill-Karta. Bl-istess mod, l-impossibbiltà għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jinstemgħu fuq il-kwistjoni tal-interċettazzjoni u tas-sorveljanza tad-data tagħhom fl-Istati Uniti jikkostitwixxi, skont l-Avukat Ġenerali, **indħil fid-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għal rimedju effettiv** protett mill-Karta.

Skont l-Avukat Ġenerali, **dan l-indħil fid-drittijiet fundamentali jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari għaliex is-sorveljanza eżerċitata mis-servizzi tal-informazzjoni Amerikani hija fuq skala kbira u mhux immirata.** Fil-fatt, l-aċċess għad-data personali li għandhom għad-dispożizzjoni s-servizzi tal-informazzjoni Amerikani jkopri b'mod iġġeneralizzat lil kull persuna u l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika kif ukoll id-data kollha ttrasferita (inkluż il-kontenut tal-komunikazzjonijiet), mingħajr ma ssir ebda differenzazzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni fid-dawl tal-għan ta' interess ġenerali mfittex. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Avukat Ġenerali jqis li pajjiż terz fl-ebda każ ma jista' jitqies li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni, u dan b'mod partikolari għaliex is-sistema tal-privatezza ta' port salv kif iddefinita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ma fihix garanziji xierqa biex jiġi evitat aċċess fuq skala kbira u iġġeneralizzat għad-data ttrasferita. L-ebda awtorità indipendenti fil-fatt ma tinsab fil-pożizzjoni li tistħarreġ, fl-Istati Uniti, il-ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data personali mwettaq minn atturi pubbliċi, bħall-aġenziji tas-sigurtà Amerikani, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' tali konstatazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, **il-Kummissjoni għandha**, skont l-Avukat Ġenerali, **tissospendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni**, u dan, anki jekk bħalissa qed tmexxi negozjati mal-Istati Uniti bl-għan li jintemmu dawn in-nuqqasijiet ikkonstati. Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jqis li jekk il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti, dan huwa minħabba l-fatt li, minn qabel, hija qieset li l-livell ta' protezzjoni żgurat minn dan il-pajjiż terz, fil-kuntest tas-sistema ta' privatezza ta' port salv, ma għadux adegwat u li d-deċiżjoni tal-2000 ma għadhiex adatta għar-realtà tas-sitwazzjoni.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq din il-kawża. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106